
IL-FESTIVAL TAL-KTIEB
FUQ IL-KAMPUS
L-UNIVERSITÀ
21 U 22 TA' MARZU 2018, 9AM - 4PM
23 TA' MARZU 2018, 9AM - TARD
IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB
PROGRAMM
2018
IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB
għm
għaqda tal-malti
università • 1931

# 21 TA' MARZU

**9am**

***Esebizzjoni u taħdita // Marisa Attard u HoASA***

L-artista u illustratriċi Marisa Attard se tingħaqad ma' HoASA permezz ta' esebizzjoni tax-xogħlijiet tagħha, karatterizzati minn elementi kurjużi, li jvarjaw minn dawk umoristiċi għal dawk serji.

**10am**

***Workshop dwar il-kitba kreattiva // Jasmin B. Frelih***

Ir-rebbieħ tal-Premju tal-Unjoni Ewropea għal-Letteratura u l-mistieden speċjali tal-Festival, Jasmin B. Frelih, se jagħti workshop fuq il-kitba kreattiva.

**11am**

***Tlaqna sal-Melitensja! // Dr Bernard Micallef u Dr Olvin Vella***

Ejjew għal dawra mal-biblijoteka b'differenza. Dawk mistiedna se jkunu jistgħu jidħlu ġewwa l-parti l-magħluqa tal-Melitensja, li s-soltu ma tkunx aċċessibbli għall-pubbliku!

**11am**

***Is-sengħa tal-legatorija // Glen Calleja***

Dan il-workshop jiffoka fuq is-sengħa tal-legatorija tradizzjonali u kif din tista' tintuża biex jinħolqu kotba ġodda. Tingħata spjegazzjoni qasira tal-għodda u l-metodi ta' kif jiġi ddisinjat ktieb mill-idea inizjali sal-prodott aħħari.

**12pm**

***DESAthlon // DESA***

F'dan it-*triathlon* organizzat minn DESA, se tkun tista' tagħti titwila ċkejkna lejn il-letteratura minn lenti ġdida billi taqta' minn liema ktieb ġejja l-kwotazzjoni ta' ġol-bużżieqa... kontra l-ħin!

**1pm**

***Blake u l-istampar // Jesmond Vassallo***

L-artist viżiv Jesmond Vassallo se jagħti preżentazzjoni dwar l-arti tal-istampar ta' William Blake. Il-preżentazzjoni se tinkludi filmati u diskussjoni dwar it-tekniki użati mill-artist magħruf.

**2pm**

***The Psychiatrist Never Called Back // Noah Fabri***

Noah Fabri għandu 18-il sena. Idoqq il-kitarra u jistudja l-antropoloġija. Iħobb il-Beatles, lil David Bowie, il-folk, u l-jazz fost l-oħrajn. Iħobb jaqra. Jaħli ħafna ħin. Jista' jkun li hu anarkist imma għadu mhux ċert.

**3pm**

***Rakkont Ħaj // Tradizzjoni Orali***

Il-Proġett Rakkont Ħaj - Tifkiriet tal-Imqabbin. Kif tnissel il-ħsieb ta' dan il-proġett u l-proċess involut, b'rakkonti ta' avvenimenti storiċi u snajja' marbuta mar-raħal tal-Imqabba, kif ukoll ta' dawk li jiftakru lil dan ir-raħal fi żminijiet oħra, meta kien aktar prominenti d-djalett Imqabbi.

# 22 TA' MARZU

**9am**

***Buddha, Aristotle, and Science // Colette Sciberras***
Dr Colette Sciberras se tkun qiegħda tagħti taħdita dwar l-iżviluppi ta' ideat tal-Punent u tal-Lvant dwar il-kawżalità u tesplora kif dawn l-iżviluppi jintrabtu mat-twemmin reliġjuż.

**10am**

**Love Don't Come Easy // *Fattima Mahdi***
Minn Facebook sa Tinder u Snapchat li niddependu fuqhom biex nikkomunikaw, huwa ċar li nħolqot lingwa ġdida tal-imħabba. Il-ktieb ta' Fattima Mahdi *Love Don't Come Easy* huwa dwar il-modi kif biddlitna t-teknoloġija u kif affettwat ir-relazzjonijiet romantiċi moderni.

**11am**

***Mill-Poeżija sal-Botanika: Giovan Francesco Buonamico // Dr Bernard Micallef***
Dr Bernard Micallef ser jagħti taħdita dwar Giovan Francesco Buonamico, li kien bniedem intellettwali tas-Seklu 17 li ppersonifika t-temperament Barokk ta' żmienu, il-moviment li jimraħ lil hinn mill-konfini.

**12pm**

**Skepticism: Birthmark of German Idealism // *Moritz Sommer***
Moritz Sommer, li bħalissa qiegħed jittraduċi għall-Ingliż il-ktieb *Aenesidemus* ta' Gottlob Schulze, ser jitkellem dwar dan il-ktieb u l-irwol li dan kellu fil-moviment Idealista Ġermaniż.

**1pm**

***Translating German Idealist Philosophy into English // Moritz Sommer***
Qari u eżaminar tal-kritika ta' Schulze f'*Ænesidemus* tal-1792 u l-kontrargumenti ta' Fichte (*Kritika ta' Ænesidemus*, 1794) dwar il-prinċipju tal-kuxjenza ta' Kant fil-ktieb ta' Reinhold, *Elementary Philosophy* (1790).

**2pm**

**Filosofija Ġermaniża // *Sean Curran u Megan Hynes***
B'rabta mad-diskussjoni li ser ikun qiegħed imexxi Moritz Sommer, Sean Curran u Megan Hynes ser jippreżentaw papers filosofiċi dwar suġġetti relatati mal-Idealiżmu Ġermaniż.

**3pm**

***Il-Letteratura Jugoslava // Diskussjoni bejn Immanuel Mifsud u Jasmin B. Frelih***
Il-kittieb rinomat Malti Immanuel Mifsud jitkellem mal-kittieb Sloven Jasmin B. Frelih dwar il-letteratura Jugoslava u Slovena. Mifsud kellu ġabra ta' poeżiji tradotta għall-Isloven, u se jkollu rumanz tradott għall-Isloven ukoll.

# 23 TA' MARZU

**9am**

***Blake u l-istampar // Jesmond Vassallo***

L-artist viżiv Jesmond Vassallo se jagħti preżentazzjoni dwar l-arti tal-istampar ta' William Blake. Il-preżentazzjoni se tinkludi filmati u diskussjoni dwar it-tekniki użati mill-artist magħruf.

**10am**

***Battle of the Books: Poetry verse VS Prose // DESA***

Diskussjoni fuq in-natura tal-Poeżija u l-Proża. Il-lekċerers parteċipi f'din id-diskussjoni ser jippreżentaw id-differenzi bejn dawn iż-żewġ ġeneri u jikkummentaw fuq kemm huma konkurrenti fil-letteratura kontemporanja.

**11am**

***Films tal-poeżija // Inizjamed u Valletta2018***

Jintwerew żewġ films poetiċi: il-film ta' Lyanne Mifsud u Nicky Aquilina, *Relazzjoni*, fuq poeżija ta' Maria Grech Ganado, u l-film *Fuq Għoljiet Dingli* ta' Trevor Borg, fuq poeżija ta' Victor Fenech.

**12pm**

***Diskussjoni bejn tnejn // Clare Azzopardi u Leanne Ellul***

Dik li kitbet *Frejp* u dik li kitbet *Gramma* se jitħaddtu ftit dwar il-kotba għaż-żgħażagħ u jaqraw siltiet mix-xogħlijiet tagħhom ukoll. X'jagħmel ktieb għaż-żgħażagħ? Liema huma fost il-favoriti tagħhom? X'inhi s-sitwazzjoni f'Malta meta mqabbla ma' barra?

**1pm**

***Frankenstein fiċ-ċinema // Salvu Catania u Gloria Lauri Lucente***

Ingħaqdu magħna għal sessjoni ta' storja u ċinema – se naraw film imsejjes fuq ir-rumanz magħruf ta' Mary Shelley: *Frankenstein* ta' J. Searle Dawley. Wara ser ikun hemm taħdita bejn Dr Saviour Catania u Prof. Gloria Lauri Lucente dwar l-adattament ċinematografiku ta' dan ir-rumanz u l-impatt li din il-figura kellha fuq l-immaġinazzjoni kollettiva.

**2pm**

***Ħoss // Michael Zammit – Filosofija bil-Malti***

Michael Zammit ser jitkellem dwar ir-relazzjoni bejn it-tifsira tal-kelma u l-ħoss tagħha, speċifikament fejn tidħol il-poeżija.

**3pm**

***Tnedija tat-traduzzjoni ta' Metamorfosi // Pjattaforma***

Tnedija tat-traduzzjoni ta' *Metamorfosi* ta' Ovidju mil-Latin għall-Malti minn Michael Zammit. Il-proġett kien iffinanzjat mill-Fond Malti tal-Ktieb.

**3:45pm**

**_Ċiklemfusa u t-Tradizzjoni tar-Rakkontar tal-Istejjer min-Nisa // Dr Veronica Veen_**

Taħdita fuq l-importanza soċjokulturali fir-rakkontar tal-ħrejjef fil-kuntest soċjali ħaj tagħhom, partikolarment f'Malta. X'inhi t-tradizzjoni wara l-ħrafa?

**4.30pm**

**_Dik il-Qtajra // intervista lil Alfred u Gabriel Buttigieg minn John Grech_**

Alfred u Gabriel Buttigieg, missier u iben, kittieb u artist. Ejjew iltaqgħu magħhom it-tnejn f'taħdita dwar ix-xogħol kontroversjali *Dik il-Qtajra* - il-ktieb tal-missier u l-wirja ta' pitturi tat-tifel, Gabriel - f'taħdita ma' John Grech. Ser ikun hemm ukoll qari ta' siltiet mit-test ma' Stephen Mintoff.

**5.30pm**

**_Intervista ma' Jasmin B. Frelih // Noel Tanti_**

Noel Tanti jintervista lill-kittieb Jasmin B. Frelih dwar minn fejn nibtet il-passjoni tiegħu lejn il-kitba, il-proċess tiegħu tal-kitba, fuqiex iħobb jikteb, u dwar il-Premju Ewropew għal-Letteratura.

**6:30pm**

**_Tnedija tal-ktieb Oasi ta' John P. Portelli // Horizons_**

John P. Portelli hu l-awtur ta' ġabra ta' skizzi u stejjer qosra msawra fuq inkontri eżistenzjali bejn ferħ u traġedja b'karattri li jsibu ruħhom f'dilemmi li jagħtu ħjiel tal-kumplessità tal-ħajja f'Malta u lil hinn.

**7pm**

**_Palk Ħieles // Inizjamed_**

Ingħaqdu magħna għal serata oħra mis-sensiela "Palk Ħieles." Tistgħu taqraw, tirrakkuntaw xi ħaġa, iddoqqu jew tirreċtaw xi biċċa li tgħallimtu waħda u sew. Il-mistieden speċjali jkun Jasmin B. Frelih.

**8pm**

**_Mużika lajv // Cryptic Street u Fuzzhoneys_**

Cryptic Street hu grupp żagħżugħ mimli nisa mix-xena alternattiva, bi stil post-punk. Waqt il-Festival, il-grupp se jdoqq kanzunetti akustiċi mill-album il-ġdid tiegħu *Titty Monster*, ispirat mill-moviment Riot Grrrl.

Il-Fuzzhoneys huwa grupp ta' tnejn li jdoqqu l-kitarra u d-drums. Il-ħoss tagħhom hu ta' garage rock, b'elementi ta' blues, b'daqsxejn girly punk u b'ruħhom u ġisimhom kollha.



# PARTEĊIPANTI

BDL

EDE BOOKS EDEBOOKS.EU

FARAXA

HORIZONS

SKS

inizjamed

midsea BOOKS LTD

PJATTAFORMA LTD
*Publishing House • Malta*

*Ringrazzjament speċjali lil* bitmac *tal-għajnuna bid-dekorazzjonijiet.*

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

għmu
għaqda tal-malti università • 1931